# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' April 2016**

**Kawza Numru : 29**
**Rikors Guramentat Numru : 1001/2015/LSO**

**Sarah Abdulghader ID587683M u Amer Khaled Abdulghader ID79581A bhala kuraturi *ad litem* tal-minuri Jaielle u dan b' digriet tas-26 ta' Ottubru 2015**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Sarah Abdulghader *et nomine* datat 22 ta' Ottubru 2015 fejn bil-gurament taghhom ikkonfermaw:

Illi minn relazzjoni intima bejn Sarah Abdulghader xebba Axiaq u Amer Khaled Abdulghader, nhar it-23 ta' Lulju 2013, twieldet il-minuri Jaielle, u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid mmarkat Dok A;

Illi sussegwentement u cioe' nhar l-10 ta' Mejju 2014, il-genituri tal-minuri Jaielle, izzewgu u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg mmarkat Dok B;

Illi gara illi ghal xi raguni fuq ic-certifikati tat-twelid tal-minuri rikorrenti, isem u kunjom il-missier gew indikati bhala "Amer Khaled Amer Ghader" minnflok "Amer Khaled Abdulghader', bil-konsegwenza li kunjom il-minuri llum jaqra, "Amer Ghader Axiaq";

Illi kif jirrizulta anke mill-annotazzjonijiet li jezistu fuq ic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri, kunjom il-genituri taghha huwa "Abdulghader"; liema kunjom huwa anke imnizzel korrettement fic-certifikat taz-zwieg tal-genituri tal-minuri; u ghaldaqstant ic-certifikat tat-twelid tal-minuri ghandu jirrifletti l-istess dettal;

Illi dan johrog bic-car u jirrizulta wkoll mill-inkartament mahrug mill-Istat Libjan mmarkat Dok C, fejn isem u kunjom il-missier huma indikati korrettement bhala Amer Khaled Abdulghader;

Illi ghalhekk fl-att tat-twelid tal-minuri, il-kunjom tal-missier taht il-kolonna bl-isem "Isem u Kunjom" kif ukoll taht il-kolonna "Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", ghandu jigi korrett biex jibda' jaqra "Abdulghader";

Illi r-rikorrenti minuri hekk kif irrapprezentata mill-genituri taghha ghandha interess illi jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni sabiex kunjomha jigi indikat bhala 'Abdulghader', u dana *a tenur* tal-artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghti l-jedd lir-rikorrenti li titlob ghar-registrazzjoni tal-kunjom li bih kienet konsistentement maghrufa u li titlob li jsiru l-korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-Att tat-Twelid u fl-atti kollha tal-istat civili taghha;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti *nomine* umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;

1. Tiddikjara li l-isem u l-kunjom korrett tar-rikorrenti minuri, huwa ta' "Jaielle Abdulghader" u mhux Jaielle Amer Ghader Axiaq u dan *ai termini* tal-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16;

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid tar-rikorrenti, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-

annotazzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex isimha jigi indikat u tkun maghrufa bhala Jaielle Abdulghader kull fejn ikun hemm mehtieg;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fil-kunjom tal-missier tal-minuri kull fejn jirrizulta, u jkun hemm l-htiega.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni.

Rat ir-rikors ta' Sarah Abdulghader u Amer Khaled Abdulghader bhala kuraturi *ad litem* tal-minuri Jaielle datat 22 ta' Ottubru 2015 a fol 10 tal-process fejn talbu lill-Qorti joghgobha tahtarhom bhala kuraturi *ad litem* ta' binthom minuri f' dawn il-proceduri u f' kull att iehor relattiv u sussegwenti ghall-istesss; u l-Qorti laqghet it-talba kif jidher bid-digriet tas-26 ta' Ottubru 2015 (fol 13).

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-1 ta' Dicembru 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 30 ta' Dicembru 2015 (fol 28) fejn Dr. Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma dan li gej:

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u *in linea* preliminari, huwa essenzjali ghall-integrita` tal-gudizzju illi r-rikorrent fl-ewwel lok jitlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li huwa ghandu jidher bhala *'Amer Khaled Amer Ghader sive Amer Khaled Abdulghader'* u mhux *'Amer Khaled Abdulghader' stante* li l-kunjom *'Abdulghader'* ma jappartjenix lilu skont kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid ta' bintu *'Jaielle Amer Ghader Axiaq'* bin-numru ta' iskrizzjoni tlett elef, erba' mija, disgha u sebghin (3479) tas-sena elfejn u tlettax (2013);

3. Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, r-rikorrenti ghandhom jispecifikaw taht liema artikolu tal-ligi huma qeghdin issejsu l-azzjoni taghhom halli b'hekk l-esponent jkun f'qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb. Kwindi f'dawn ic-cirkostanzi, l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti, umilment qieghed jirrizerva u jzomm shih id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-rikorrenti jindikaw taht liema dispozizzjonijiet tal-ligi huma qeghdin jorbtu l-proceduri istanti;

4. Illi bla pregudizzju, jidher illi fir-rikors in risposta bin-numru (1001/2015) r-rikorrenti qeghdin jaghmlu referenza ghall-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-istess hin qeghdin jitolbu diversi korrezzjonijiet, cioe` fic-certifikat tat-twelid ta' binthom *'Jaielle Amer Ghader Axiaq'* bin-numru ta' iskrizzjoni tlett elef, erba' mija, disgha u sebghin (3479) tas-sena elfejn u tlettax (2013) u kif ukoll f’

kull att iehor relattiv. Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma kollha kontraditorji *stante* li;

i) L-ewwel talba tar-rikorrenti *nomine* sabiex jitlobu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha *"Tiddikjara li l-isem u l-kunjom <u>korrett</u> tar-rikorrenti minuri, huwa ta' "Jaielle Abdulghader" u mhux "Jaielle Amer Ghader Axiaq" u dan ai termini tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap. 16"* hija kontraditorja *stante* li korrezzjonijiet ghandhom jsiru abbazi tal-Artikolu 253(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux *ai termini* tal-Artikolu 253 (2) ta' l-istess Kap; *[Enfasi tal-esponent]*

ii) It-tieni talba tar-rikorrenti *nomine* sabiex jitlobu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha *"Tordna li jsiru <u>l-korrezzjonijiet</u> kollha necessarji fl-att tat-twelid tar-rikorrenti, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid u <u>f'kull att iehor relattiv</u> u sussegwenti sabiex <u>isimha jigi indikat u tkun maghrufa bhala</u> Jaielle Abdulghader kull fejn ikun hemm mehtieg"* hija kontradditorja wkoll *stante* li korrezzjonijiet ghandhom jsiru abbazi tal-Artikolu 253(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn jigi kkoregut xi zball fatt u mhux tigi *'maghrufa bhala' ai termini* Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt li l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jippermetti sabiex l-annotazzjoni awtorizzata tigi riflessa ukoll f'kull att tal-istat civili relattiv, japplika biss f'kaz illi l-bdil jsir *ai termini* tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; *[Enfasi tal-esponent]*

iii) It-tielet talba tar-rikorrenti *nomine* sabiex jitlobu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha *"Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fil-kunjom tal-missier tal-minuri kull fejn jirrizulta, u jkun hemm l-htiega"* hija kontradittorja ukoll *stante* li l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jippermetti sabiex l-annotazzjoni awtorizzata tigi riflessa ukoll f'kull att tal-istat civili relattiv, japplika biss f' kaz illi l-bdil jsir *ai termini* tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, f'kaz ta' korrezzjonijiet jkun mehtieg illi kull zball jigi indikat individwalment u kull korrezzjoni ghandha tigi awtorizzata minn dina l-Onorabbli Qorti separatament; *[Enfasi tal-esponent]*

5. Illi ghaldaqstant, minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent qieghed jeccepixxi dan ghaliex l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta taghti l-fakulta` sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha, f'kaz fejn persuna jgib il-provi mehtiega, tawtorizza annotazzjoni fuq l-att tat-twelid rispettiv sabiex tali persuna tista' tigi maghrufa b'isem iehor, u mhux b'kunjom iehor. *[Enfasi tal-esponent]* Illi l-esponent itenni illi r-rikorrenti intavolaw l-azzjoni taghhom sabiex ibiddlu l-kunjom ta' binthom Jaielle minn fuq l-Att tat-twelid taghha li jgib in-numru ta' iskrizzjoni tlett elef, erba' mija, disgha u sebghin (3479) tas-sena elfejn u tlettax (2013) fuq allegazzjoni ta' zball u mhux sabiex tigi maghrufa b'isem iehor. *[Enfasi tal-esponent]* Inoltre talba bhal din ghall-korrezzjoni ghanda tigi msejsa taht l-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti msejsin kif inhuma abbazi tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistawx jigu

milqugha. Illi madanakollu r-rikorrenti jistaw, jekk jridu, jitlobu l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni taghhom jigu mibdula b'mod li t-talbiet taghhom jkunu jistaw jigu inkwadrati taht il-parametri ta' korrezzjoni hekk kif imsemmija fl-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi bla hsara, f'kaz illi l-hames eccezzjoni tal-intimat tigi milqugha, l-esponent jirrileva ghal kull *buon fini*, illi l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jippermetti sabiex l-annotazzjoni awtorizzata tigi riflessa ukoll f'kull att tal-istat civili relattiv, japplika biss f'kaz illi l-bdil jsir *ai termini* tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk l-korrezzjonijiet rikjesti minghand ir-rikorrenti ghandhom jigu indikati individwalment abbazi tal-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-kaz *de quo,* r-registrazzjoni tal-minuri *'Jaielle'* saret mir-rikorrenti genituri, fejn bhala d-dikjaranti kienu ddikjaraw illi l-isem u l-kunjom li kellu jinghata lill-imsemmija minuri skont Artikolu 292A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kellu jkun *'Jaielle Amer Ghader Axiaq'* u dan kif provdut fid-dokument mmarkat 'DOK A', liema dokument jidher illi kien gie ukoll iffirmat minghand iz-zewg genituri rikorrenti. B'hekk ma jirrizultax li sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u ghaldaqstant jekk jirrizulta illi hemm xi zball fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, l-esponent m'ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti *stante* illi l-informazzjoni tnizzlet skont ma ddikjaraw ir-rikorrenti infushom;

8. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponent joggezzjona illi jitnehha l-kunjom ta' xbubit l-omm, ossja 'Axiaq' mill-kunjom tal-minuri, *stante* illi kienu l-genituri rikorrenti stess illi ghazlu li jzidu tali kunjom fil-punt tar-registrazzjoni tal-minuri, meta kienu ddikjarawh b'tali mod fuq il-formula *ai termini* tal-Artikolu 292A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, mmarkat bhala 'Dok A'. *In vista* ta' dan, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiprojbixxi milli jinholoq precedent fis-sens illi galadarba l-genituri ghazlu u ddikjaraw li l-kunjom il-minuri kellu jinkludi ukoll dak ta' xbubit l-omm, l-istess genituri m'ghandhomx sussegwentement jithallew ibiddlu kunjom il-minuri kif jixtiequ.

9. Illi minghajr hsara, l-esponent jirrileva illi *di piu`*, bl-istess mod isem u kunjom tal-missier tal-imsemmija tarbija, kien gie imnizzel bhala *'Amer Khaled Amer Ghader'* fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni bin-numru ta' iskrizzjoni tlett elef, erba' mija, disgha u sebgnin (3479) tas-sena elfejn u tlettax (2013), hekk kif kien gie ddikjarat minghand l-missier u l-omm tal-minuri *'Jaielle',* u cioe` r-rikorrenti *'Amer Khaled Amer Ghader'* u *'Sarah Axiaq',* li kienu d-dikjaranti fuq l-imsemmi Att tat-Twelid, li kienu ddikjaraw l-informazzjoni kollha li hemm kontenuta fl-imsemmi Att ta' Twelid tal-minuri Jaielle, inkluz il-kunjom *'Amer Ghader'* bhala l-kunjom tar-rikorrent Amer Khaled u tal-minuri Jaielle, u sahansitra ffirmaw dan l-istess att bhala wiehed korrett, hekk kif provdut fid-dokument anness u mmarkat 'DOK B'. B'hekk jidher illi accettaw l-informazzjoni kif tinsab inserita

fl-Att innifsu fejn juri li l-kunjom gie indikat bhala *'Amer Ghader'. Stante* li l-atti rispettivi qabel ma jghaddu ghar-registrazzjoni jigu moghtija lil min ikun ghamel in-notifika sabiex jiccekja li l-informazzjoni hija koretta u jiffirma l-Att. Illi ghaldaqstant mar-Registru Pubbliku, il-kunjom tar-rikorrent Amer Khaled huwa registrat bhala 'Amer Ghader', filwaqt li l-kunjom tal-minuri Jaielle huwa registrat bhala 'Amer Ghader Axiaq' ghaliex tnizzlu skont ma kienu ddikjaraw ir-rikorrenti *nomine* bhala d-dikjaranti fuq l-imsemmi Att tat-Twelid. B'hekk ma jirrizultax li sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u ghaldaqstant m'ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

10. Illi bla pregudizzju, l-esponent jeccepixxi ukoll illi t-traduzzjoni tac-certifikat tat-twelid Libjan tar-rikorrent *'Amer Khaled',* immarkat bhala 'Dok C', fejn isem u kunjom ir-rikorrent jinsabu indikati bhala *'Amer Khaled Abdulghader'* kien gie tradott fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), cioe` wara r-registrazzjoni tat-twelid tal-imsemmija minuri 'Jaielle'. Ghaldaqstant kopja tal-imsemmi dokument tat-traduzzjoni ma kienx gie pprezentat fil-punt tan-notifika tat-twelid tal-imsemmija minuri, izda kien gie sottomess wara, fil-punt tar-registrazzjoni taz-zwieg tal-partijiet rikorrenti. Ghalhekk l-ufficcjali tar-Registru Pubbliku kienu striehew fuq id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti genituri li kienu affermaw il-veracita` tal-informazzjoni li kienu taw huma stess u li kien gie mmnizzel fl-imsemmi Att ta' Twelid tal-minuri Jaielle. B'hekk ma jirrizultax li sar xi nuqqas min-naha tar-Registru

Pubbliku u ghaldaqstant m'ghandhux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti; *[Enfasi tal-esponent]*

11. Illi *a contrario* tas-surreferit, l-esponent jgib ghall-attenzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti illi id-diskrepanza fil-kunjom mhuwiex wiehed minimu u ghaldaqstant dan jista' jigi kkunsidrat bhala zgwida lill-awtoritajiet pubblici.

12. Illi inoltre fit-talbiet taghhom ir-rikorrenti ma talbux sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija mitluba mir-rikorrenti fuq l-att tat-twelid relattiv. Huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku li hu vestit bis-setgha li jirregistra jew isewwi Atti ta' l-I*status* Civili *a tenur* ta' l-Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. *[Enfasi tal-esponent]* It-talbiet kif postulati mir-rikorrenti ma jitlobu l-ebda obbligu da parti ta' l-esponent. Isegwi ghalhekk illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jsiru f'dan ir-rigward;

13. Illi subordinatament, bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

14. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-

esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

15. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 17 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Andrew Sciberras ghar-rikorrenti u Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat. Dr Borg irriservat il-pozizzjoni taghha rigward il-korrezzjoni tal-okkju izda hemm qbil li dan ma jgibx in-nullita' tar-rikors guramentat. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' April 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din it-talba qed issir *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodici Civili li jaghtu d-dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili. Fin-nota tal-atturi a fol 41 tal-process qablu li t-talba taghhom hija imsejsa fuq l-artikolu 253(1) tal-Kap 16 u din il-Qorti ser tindirizza l-kawza fid-dawl ta' din id-dispozizzjoni li hija dik korrettement applikabbli.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** saret debitament skont il-ligi fit-23 ta' Ottubru 2015, (fol 17) u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tad-direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrent **Amer Khaled Abdulghader** xehed b'affidavit (fol 22), u qal li hu twieled Tripli, u missieru jismu Khaled Abdulghader. Gie jghix f'Malta fl-2007, kien iltaqa' ma' Sarah fl-2012. Semma li meta applika ghall-ID card hawn Malta, ghal xi raguni kunjomu tnizzel bhala Amer Ghader, u ghalhekk, fic-certifikat tat-twelid ta' bintu, kunjomha gie imnizzel bhala "Amer Ghader Axiaq". Qal li hu u Sarah izzewgu fl-10 ta' Mejju 2014, u Sarah hadet kunjomu, u kien wara z-zwieg li ndunaw bl-izball fic-certifikat tat-twelid tat-tifla taghhom.

Xehdet **Sarah Abdulghader** b'affidavit (fol 23) u qalet li hi ilha erba' snin f'relazzjoni ma' Amer Abdulghader, semmiet li fit-23 ta' Lulju 2013 kellhom tifla, u Amer kien irrikonoxxiha mill-ewwel. Spjegat li wara li hi u Amer izzewgu f'Mejju 2014, indunaw bl-izball fic-certifikat tat-twelid tat-tifla taghhom.

Illi t-talba odjerna hija indirizzata lejn il-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri Jaielle, bint ir-rikorrenti, imwielda fit-23 ta' Lulju 2013, esebit fl-atti bhala Dok A (fol 4) billi ssottomettew li fil-kolonna "Isem u Kunjom tal-missier" tnizzel l-kunjom tal-missier erronjament. Dan billi tnizzel, "Amer Khaled Amer Ghader" minflok "Amer Khaled Abdulghader" bil-konsegwenza li kunjom il-minuri llum

jaqra “Amer Ghader Axiaq”. Dan jirrizulta mill-affidavits tar-rikorrenti, genituri tal-minuri.

Ikkonsidrat li *ai termini* tal-artikolu 4(3) tal-Kodici Civili, ulied iz-zwieg jiehdu kunjom il-missier li mieghu jistghu jzidu kunjom xbubit l-omm. Fil-kaz odjern, il-minuri hadet il-kunjom tal-missier u kunjom xbubit l-omm. Ghaldaqstant, it-talba odjerna hija talba ghal korrezzjoni ta’ zball u talba wkoll sabiex titnehha l-kunjom tal-omm.

Illi difatti, b’referenza ghat-tmien eccezzjoni tad-Direttur intimat, u cjoe`ghat-talba rikorrenti li l-minuri tiehu l-isem ta’ missierha u mhux ta’ xbubit ommha wkoll, jigi osservat li meta saret ir-registrazzjoni tat-tarbija Jaielle kien jinkludi wkoll kunjom xbubit l-omm. Izda, dakinhar tar-registrazzjoni tat-tarbija l-genituri tal-minuri kienu ghadhom mhux mizzewgin. Fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija a fol 4 tal-process hemm imnizzel fil-kolonna "*Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha"* l-isem *Jaielle* u l-kunjom *Amer Ghader Axiaq* cioe`, l-kunjom tal-omm mizjud wara l-kunjom tal-missier.

Effettivament ir-rikorrenti llum qed jitolbu wkoll it-tnehhija tal-kunjom xbubit l-omm, u dan jikkostitwixxi ripensament ta' decizjoni gja mehuda li mhuwiex mibni fuq zball.

Din il-Qorti ma tistax tinjora t-tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet wara l-emissjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri. Id-dikjarazzjoni fit-termini tal-artikolu 292A tal-Kap 16 kienet saret fil-kuntest ta' tarbija imwielda barra miz-zwieg, u fejn,

allura, hija anke komuni ghall-ommijiet li jzidu kunjomhom, illum il-gurnata it-tifla giet legittimata *per subsequens matrimonium* u l-omm sahansitra ghazlet li zzomm kunjom zewgha biss. Dan ifisser li bhala stat ta' fatt illum il-minuri ghandha kunjom li huwa differenti miz-zewg genituri taghha. Frankament din il-Qorti ma tistax taccetta li tali stat ta' fatt jibbenefika lill-minuri. Id-dikjarazzjoni maghmula skont l-artikolu 292A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta saret qabel iz-zwieg tal-genituri. L-interess pubbliku mhuwa ser jigi pregudikat b'ebda mod jekk it-talba tintlaqa billi c-cirkostanzi li waslu ghat-talba odjerna mhumiex arbitrarji imma zwieg li *ipso jure* wassal ghal-legittimazzjoni tat-tarbija

L-abbli difensur tal-intimat sahqet li tali talba ser tohloq precedent fis-sens li l-genituri jistghu jbiddlu l-ghalza gja maghmula. In tema legali jidher li l-ligi taghna hija kontrarja ghall-tibdiliet fil-kunjom tal-familja, ghajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Ligi (art.4(3) **92** u **292 A** tal-**kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta)** li ebda wiehed minnhom ma jikkontempla ripensament mill-genituri.

Madanakollu diversi sentenzi tal-Qrati taghna juru li kienu lesti li jaghtu widen ghal talba ghat-tibdil fil-kunjom fejn it-talba ghandha ness familjari u t-terz mhuwiex ser jigi pregudikat.

Dan hu s-sens tas-sentenza fl-ismijiet **Jason Paul Grixti v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA - JRM - 24 ta' Ottubru 2002) fejn il-Qorti irribadiet li :

*"Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u huwa f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbiet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn;* [1]

*Illi sewwasew minhabba li l-bdil fl-Atti ta' Stat Civili jolqot ukoll lil terzi persuni, il-Qrati taghna fissru li ghalkemm il-ligi ma tqisx iz-zieda jew il-bdil ta' kunjom l-attur bhala zball, ma tistax tinjora ghal kollox talba bhal din, specjalment fejn il-kunjom ikun inbidel taht xi sistema jew ordinament guridiku iehor. F'dawn il-kazijiet, ukoll fl-interess tat-terzi, il-Qrati laqghu talbiet ghal annotazzjonijiet fl-imsemmija atti bil-hsieb li jirriflettu bidliet bhal dawn*[2]*".*

Ukoll kif gie enuncjat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **Leonard Ellul sive Ellul Mercer et v Direttur tar-Registru Pubbliku -** (PA-JRM - 21 ta' Marzu 2002) :-" *Illi din il-Qorti taghraf ukoll li l-ligi civili taghna tal-lum m'ghadhiex iebsa daqs kemm kienet qabel dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-kunjom tal-persuna. Mhux biss ghaliex illum il-gurnata l-identita' ta' persuna hija stabilita u accertata b'mezzi ta' identifikazzjoni u registrazzjoni ohrajn, imma wkoll ghaliex jidher li hija r-rieda espressa tal-legislatur li jhalli li persuna izzid, matul hajjitha, kunjom iehor ma' dak li titwieled bih*[3]*. F'dan ir-rigward, il-Qorti hija*

---

[1] Ara wkoll **Harold u Hilda Ellul sive Ellul Mercer v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PAJRM - 5 ta' April 2001)

[2] P.A. **31.10.1930**, fil-kawza fl-ismijiet ***McLean gia Abdillah vs Cremona nomine*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.305)**

[3] Art.4(3) tal-Kap.16

*tal-fehma li huwa evidenti wkoll li tali ghazla ma ssirx bilfors mill-genituri hekk kif it-tarbija titwieled, imma hija ghazla li tithalla fil-persuna nnifisha sa meta ssir tal-eta' li tkun tista' tiddeciedi hi;*

*Illi, ghalhekk, talba tista' tirnexxi mhux fuq il-bazi ta' zball fl-att izda fuq il-bazi ta' taghrif izjed siwi dwar il-persuna."*[4]

Inoltre, ma tistax tinjora l-interessi tal-minuri f'dan il-kaz, li huma supremi fejn il-parametri stabbiliti mhumiex qed jigu infranti. Il-minuri ghandha kunjom registrat li hu differenti illum minn dak ta' l-omm . Wiehed jifhem li l-legislatur irid li fis-sistema taghna, it-tfal jiehdu l-kunjom tal-missier u l-aggunt tal-kunjom tal-omm huwa fakoltattiv. Din il-Qorti tqies ghalhekk li bit-talba odjerna ser titnehha anomalija.

Madanakollu l-Qorti ser tilqa' t-talba fis-sens li tordna li ssir annotazzjoni appozita fic-certifikat tat-twelid tal-minuri minnflok korrezzjoni f'dak li jirrigwarda l-kunjom tal-omm.

Riferibbilment ghat-talba, l-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti u hija sodisfatta li kunjom il-missier huwa fil-fatt "Abdulghader", u li sar zball meta saret ir-registrazzjoni fic-certifkat tat-twelid tal-minuri Jaielle.

Difatti, r-rikorrenti esebew l-original tac-certifikat taz-zwieg taghhom mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta **Dok C** (fol 24), u anke dokument, inkartament mahrug mill-istat

[4] *App. Civ.* ***2.3.1994*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***J.Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku***

Libyan riferibbli ghac-certifikat tat-twelid tar-rikorrent Amer Khaled Abdulghader (**Dok C**) (fol 6).

Illi b'riferenza ghat-tieni eccezzjoni tal-intimat din m'ghandhiex tintlaqa' billi kunjom ir-rikorrent huwa legalment Abdulghader u ma hemmx lok ghall-korrezzjoni senjalata.

Ghalhekk, il-Qorti ser takkolji t-talbiet attrici.

Referibbilment ghall-kwistjoni tal-ispejjez, il-Qorti taqbel mat-tezi tal-intimat li kienet l-istess rikorrenti li kkonfermat l-atti kif registrati fl-att tat-twelid tal-minuri, Dok A u Dok B, (fol 35-36.) Isegwi li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-izball u jbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi **tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti fis-sens li gej u cioe`:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti limitatament billi tordna li ssir korrezzjoni fl-att ta' twelid tal-minuri sabiex fil-kolonna ntestata "*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha*" l-kunjom tal-missier jigi korrett u sostitwit bil-kunjom " **Abdulghader"** filwaqt li tordna li ssir annotazzjoni sabiex trrifletti li l-minuri ser tkun maghrufa bil-kunjom **"Abdulghader**" biss u mhux "**Abdulghader Axiaq."**

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat biex jaghmel l-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet relattivi fl-att tat-twelid.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba billi ma gewx indikati atti ohra mertu ta' din il-kawza.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' April 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' April 2016**